KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt

3/17 T

**Minuti tat-tkomplija tat-tielet laqgħa tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu 2010, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 <u>Item 8: Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva nota bill-miktub mingħand is-Sur Camilleri li kienet tgħid li ma kienx jista jattendi għal din il-laqgħa.

***Laqgħa tal-lokalita'***

1.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-lokalita ġew approvati kif ikkoreġuti.

1.3 Minuta 4.1: Dwar is-siti miftuħa, il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra bħala reminder u dwar il-bankina l-Kunsill qabel li tidħol fil-programm tax-xogħol.

1.4 Minkejja n-nota, f'dan l-istadju (6:20pm) is-Sur Camilleri daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

1.5 Is-Sur Camilleri qal li hu jiddeplora l-fatt li entitajiet oħra mhumiex qed jikkalkulaw it-talbiet tal-Kunsill u qed idumu ħafna jagħtuna risposta jew jagħmlu x-xogħol mitlub minnhom. Qal ukoll li minħabba f'hekk, il-Kunsill qed jidher iħrah man-nies meta mhux it-tort tiegħu.

1.6 Minuta 4.3: Is-Sur Anastasi qal li hemm bżonn studju kif Triq il-Brunżar tista tiġi kollha one-way. Is-Sur Sultana qal li fil-passat il-Kunsill ipprova jagħmel immaniġjar tat-traffiku fiż-żona imsemmija imma l-Kunsill kien sab oġġezzjoni qawwija mir-residenti. Is-Sur Camilleri saħaq li t-traffiku fiż-żona għandu jibqa kif inhu. Il-Kunsill qabel biss li jżied l-infurzar fiż-żona.

1.7 Minuta 4.4: Is-Sur Camilleri qal li, wara l-laqgħa, hu kellem lis-Sur Bonavia fejn qal li qallu li l-argumenti tiegħu kienu tajbin pero ma kellux għaliex iwaqqa l-argumenti għar-redikolu. Ilmenta għall-fatt li l-Kunsill għad m'għandux riżultat ta' x' passi ttieħdu mill-Pulizija fil-konfront taż-żgħażagħ li wettqu l-vandaliżmu. Il-Kunsill qabel li t-tabelli tal-klieb ta' Ġnien Romeo Romano jinbidlu fis-sens li l-klieb fil-ġnien iridu jkunu kustoditi biċ-ċinga mis-sid. Is-Sur Anastasi ma qabilx għax skond hu l-ġnien ikun mimli ħmieġ tal-klieb.

1.8 Minuta 4.5: Fuq Triq San Ġorġ, il-Kunsill innota li diġa' iddiskuta dan is-suġġett f'laqgħat preċedenti. Fuq Triq Salvinu Spiteri, il-Kunsill qabel li quddiem l-imħażen jerġgħu jinżebgħu kaxxi bojod kif kienu saru oriġinarjament permezz ta' works order aktar kmieni.

1.9 Minuta 4.6: Fuq iz-zebra crossing ta' quddiem is-supermarket ta' Triq il-Ferrovija, il-Kunsill innota li din ilha approvata sa minn Settembru 2008. Ghalhekk, il-Kunsill qabel li jikteb ittra lill-TM fejn jerga jistaqsiha meta se ssir u jgħabbiha bir-responsabilita f'kaz ta' incident.

Fuq il-ħmieġ fil-parapett, il-Kunsill innota li hu Block A Flat 2 Triq Patri Gwann Azzopardi u qabel li jikteb lill-Awtorita tad-Djar.

1.10 Minuta 4.6: Saret diskussjoni sħieħa fuq l-inkonvenjent kawżat mit-trakkijiet u l-forklifters tas-supermarket ta' Triq il-Ferrovija minn Triq il-Parilja. Is-Sur Anastasi qal li dan l-inkonvenjent għandu jitnaqqas wara li rċieva komunikat mill-Uffiċċjal Inkarigat fejn qallu li kien intlaħaq ftehim mal-proprjetarji tas-supermarket biex jiġi bi trakkijiet iżgħar.

1.11 Minuta 4.8: Fuq Triq Abela, il-Kunsill innota li din kellu jibniha mill-gdid il-Gvern ċentrali ma dan kollu se tkun inkluża fill-PPP.

1.12 Minuta 4.11: Il-Kunsill qabel li jiffissa laqgħa mall-uffiċċjali tal-Pulizija tad-distrett.

1.13 Minuta 4.12: Il-Kunsill innota li l-Pulizija wieġbu li min qed isofri l-inkonvenjent għandu jagħmel rapport formali l-Għassa u jitla jixhed il-Qorti.

1.14 Minuta 4.14: Il-Kunsill ma qabilx ma speedcamera fi Triq il-Lunzjata. Is-Sur Camilleri qal li hu kien talab lill-Kunsill Lokali Ħamrun għal sleeping policeman fi Triq Ġuże' Pace Ħamrun u talab lill-TM għal hump li jżomm l-ilma tax-xita f'k/m Triq Misraħ il-Barrieri.

1.15 Minuta 4.18: Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jitlob il-parir tat-TM dwar it-toroq kollha li jiżbokkaw għal Triq il-Kbira San Ġużepp u li trid taqsam il-karreġġjata biex tmur fid-direzzjoni mixtieqa.

1.16 Minuta 4.21: Il-Kunsill qabel tintalab stima għall-bankini ta' Triq Reġjonali u ta' Triq Misraħ il-Barrieri u wara l-Kunsill jiddeċiedi jidħlux fil-programm tax-xogħol.

## 2.0 <u>Item 9: Aġġornament</u>

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li irċieva direttiva mid-Direttur għall-Gvern Lokali sabiex il-kontijiet relatati mal-Fond Għinuna Nghinu lill-Ħaddieħor jingħalqu b'mod immedjat. Il-Kunsill qabel li, apparti jkun notifikat il-Kappillan, mill-bilanċ jitħallas €100 lill-Community Chest Fund u d-differenza tingħata lill-Knisja Parrokkjali.

Is-Sur Sultana staqsa jekk l-statements mitluba kienux waslu. Is-Sindku wieġbet fin-negattiv pero ippreżentat statements mhux uffiċċjali tal-HSBC.

Is-Sur Anastasi talab li s-Sindku tinforma lill-Kunsill minn min irċeviet il-flus f'donazzjoni. Is-Sindku qalet li hi rċeviet żewġ ċekkijiet ta' €300-il wieħed u l-ismijiet joħorġu mill-inkjesta.

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li skond AL 382/2009 ippublikat fil-31 ta' Diċembru 2009 u skond kont tal-Wasteserv li l-Kunsill irċieva fis-17 ta' Frar 2010, il-Kunsill irid iħallas €2+VAT għal kull tunnellata għal fatt li qed narmu l-iskart fil-miżbla wara l-ħinijiet tal-egħluq. Hu qal li l-miżbla tagħlaq fis-7pm. Il-Kunsill qabel li jinnegozja ħinijiet ġodda mal-kollettur tal-iskart b'possibilment filgħodu jew wara nofsinhar.

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv wera medalja tal-bronż bl-arma tal-Kunsill bi kliem minqux li kienet destinata lill-ex Arċisqof Ġużeppi Merieca u li kienet ilha fil-kustodja tiegħu għal tul ta' snin. Hu qal li intalbet lilu minn kollezzjonist għal €20. Is-Sindku qalet li hi kella talba mingħand persuna oħra wkoll. Il-Kunsill qabel li ma jbiegħx l-imsemmija medalja u jpoġġiha fil-librerija tal-Kunsill.

2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irrifera ghal korrispondenza mingħand l-iscouts fejn talbu l-użu ta' Ġnien Romeo Romano u talbu wkoll għal sponsorship. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għall-użu tal-ġnien filwaqt li innota li ma jistax jagħti sponsorships skond il-liġi.

2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irrifera għal korrispondenza mingħand 26th July Fireworks fejn talbu reklam għal fuq il-ktejjeb tal-festa. Il-Kunsill innota li ma jistax jagħti sponsorships skond il-liġi.

2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infoma lill-Kunsill li dati ta' Lejl l-Artiġjanat saru mit-21 sat-23 ta' Mejju 2010.

2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva kopja tal-permess tal-barrier ta' quddiem il-Podium fi Triq Misraħ il-Barrieri k/m Triq Reġjonali. Il-Kunsill innota li l-permess inħareġ minkejja oġġezzjoni tal-Kunsill u ħareġ permezz ta' komunikazzjoni interna tal-TM minn Direttur għall-ieħor. Għaldaqsatnt, il-Kunsill qabel li jibqa kollox kif inhu u jikteb ittra ta' protesta lill-AKL u lid-Dipartiment fuq dan il-każ u fuq każijiet oħra fejn il-Kunsill ġie injorat fosthom in-numri l-ġodda tal-bibien fi Triq Carini.

2.8 Is-Sindku tkellmet fuq il-laqgħa li hi u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom ma uffiċċjali tal-Gvern dwar ix-xogħlijiet li hemm meħtieġa li jsiru fi Triq il-Kbira San Ġużepp għar-rigward taż-żjara tal-Papa. Qalet li l-uffiċċjali qalulha li r-roundabout ta' Fleur de Lys hi proprjeta tal-Gvern Ċentrali u allura kienu se jimmodifikawha u jsebbħuha. Qalet li r-roundabout qatt ma kienet devoluta lilna u li allura l-ftehim mal-Alberta, li ilu skadut mill-1999, qatt ma kellu jsir.

Is-Sur Sultana qal li jekk ir-roundabout hi tal-Gvern Ċentrali imisshom jidħlu għar-responsabilita tal-konsum tad-dawl ukoll. Qal li b'dan il-proġett jista jtellef mill-bini mill-ġdid tal-arkata li hemm Lm50,000 garanzija tal-BOV. Is-Sindku qalet li min irid jirreklama issa jrid ikellem lill-Gvern Ċentrali imbagħad isir ftehim dwar il-konsum tad-dawl.

Is-Sindku tkellmet ukoll dwar it-tarmak fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Hi qalet li l-Gvern se jagħmel major patching f'parti kbira minn din it-triq. Qalet ukoll li, skond ċirkulari mibgħuta lilna mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u skond kjarifika verbali mill-istess Dipartiment, se ningħataw €18,000.

Is-Sur Camilleri iddikjara li, fl-ewwel parti tal-laqgħa, hu kien astjena għax qatt ma ssemma li l-Gvern kien se jidħol għall-ispiża tat-tarmak u għal xogħlijiet oħra. Is-Sur Anastasi kien tal-istess fehma.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jkollu bil-miktub l-ammont li l-Gvern se jalloka għal dan ix-xogħol.

Is-Sindku qalet ukoll l-Kunsill jista jirranġa toroq sekondarji li jagħtu għal Triq il-Kbira San Ġużepp flimkien ma għamara tat-triq fostom it-tabella tal-Kunsill. Is-Sur Anastasi ma qabilx.

Is-Sur Sultana qal li l-Gvern alloka din in-nefqa għaż-żjara tal-Papa iżda naqas milli jalloka nefqa sostanzjali għal bini tal-Kunsill biex ikun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita.

2.9 F'dan l-istadju (8:35pm) is-Sur Bugeja talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

2.10 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar laqgħat li saru li qed isiru dwar Gwardjani Lokali mal-iskola Fleur de Lys.

2.11 Is-Sindku qalet li f'Novembru li għadda l-Kunsill suppost kellu jiddiskuti u jiddeċiedi dwar il-kuntratt tal-Contracts Manager. Hi qalet li din it-tema ma ġietx diskussa mill-Kunsill peress li kienu għaddejjin żviluppi fuq il-Gwardjani Lokali. Hi qalet li mill-1 ta'April 2010 il-Gwardjani Lokali Ambjentali se jieħdu ħsieb l-ambjent fil-lokalitajiet inkluż il-kuntratturi u allura se jieħdu post tal-contracts managers. Għaldaqsatnt, hi talbet sabiex il-kuntratti ta' Silvio Vella jkunu xolti. Is-Sur Sultana qal li l-kuntratt tal-Contracts Manager hu għal tlett snin u mhux rivedibbli kull sena. Il-Kunsill qabel li jiċċekkja mad-dokumenti tal-kuntratt.

2.12 Il-laqgħa intemmet fid-9pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 ta' April 2010 fis-6pm b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 6 ta' April 2010 | Chairperson |